MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Numru. 607/2006

Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)

vs

Carmel Cilia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Carmel Cilia, ID 113563(M) bin Carmel u Semastiana nee Galea, imwieled Hal-Qormi fis-17 ta’ Frar 1963 u residenti 103 Triq Correa, Qormi, li gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-19 ta’ Mejju 2006 u / jew fil-gimghat u / jew xhur ta’ qabel din id-data b’diversi atti maghmulin minnu wkoll fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi

u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'Hal-Qormi u cioe meta hu kien impjegat ghand Derek Garden Center Triq il-Kanun Qormi, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Derek Garden Center Company Ltd, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bl-ammont;

Bi ksur ta' Artikoli 261 (c) (d), 267, 268 (d), 18 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 23 ta' Gunju, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-28 ta' Gunju, 2007 ai termini ta' l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Gunju, 2007 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huma hatja, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat l-fedina penali netta ta' l-imputat (Dok C2) u l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, l-fatt li huwa kkopera fil-kors ta' l-investigazzjonijiet u l-fatt li l-ammont involut gie rritornat lura lill-vittma.

Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 261 (c), (d), 267, 268(d) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif minnu ammessa u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------